MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 27/2011

Mobisle Communications Limited

vs

Marita sive' Manita Xuereb

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat fit-tlieta (3) ta' Ottubru ta' l-elfejn u hdax (2011) illi permezz tieghu l-kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghad il-konvenuta Marita Xuereb is-somma ta' seba' mija u erbatax il-ewro u sebgha u tletin centezmu (€714.37) import ta' servizz telefoniku, fil-kont numru 50911092. Dan bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) bl-imghaxijiet legali kollha kontra l-konvenuta.

Ra illi minkejja illi l-konvenuta giet notifikata bl-avviz u bl-avviz tat-talba fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) hija naqset milli tipprezenta risposta kif ukoll naqset ukoll milli tidher quddiem it-Tribunal.

Ra illi d-digriet tieghu ta' l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) li permezz tieghu kien irrikjama l-kawza ghas-sbatax (17) ta' Jannar ta' l-elfejn u tnax (2012) gie revokat u ghalhekk id-diferimenti thallew kif originarjament kienu skedati.

Sema lil Emanuel Cini jixhed fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ikkonferma li d-debitu ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra.

Illi l-konvenuta baqghet qatt ma deheret quddiem it-Tribunal kif ukoll qatt ma prezentat risposta minkejja illi kienet notifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh.

Illi ghal beneficcju tal-partijiet u sabiex ma jigix interrot l-andament tad-diferimenti kif originarjament skedati, d-digriet ta' dan it-Tribunal li permezz tieghu kien irrikjama l-kawza ghal data ohra gie revokat contrario imperio u thalla d-diferiment originali.

Illi jispetta lill-partijiet li jkunu notifikati fl-ewwel seduta tal-kawza u b'dak l-avviz tat-talba li jaghmilhom parti fil-kawza, illi jsegwu b'mod interessat u skurpluz id-diferimenti ta' dan it-Tribunal.

Illi fin-nuqqas ta' oppozizzjoni tal-konvenuta ghat-talba attrici u wara li sema bil-gurament lil Emanuel Cini, in rapprezentanza ta' l-istess kumpanija attrici, t-Tribunal jidirlu illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u timmerita li tintlaqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ seba mija u erbatax il-ewro u sebgha u tletin centezmu (€714.37) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha, inkluza ta’ l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------